Citta Notabile

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 06

It- Tnejn, 4 ta' Novembru 2024

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-15.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Viċi Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Camille Scerri- Kunsilliera
Anthony Barbaro Sant

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ppresjeda l-laqgħa li bdiet fit-15.13pm

**06.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija**

06.1.1 Ma kien hemm ebda ittri ta' apoloġija

**06.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal- Minuti**

06.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kamra tqegħdu l- minuti tal- Ħames Laqgħa.tal-Kunsill Lokali. Kopja tal-Minuti ngħatat lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa

06.2.2 Is- Sindku staqsa jekk hemx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu approvati unanimament. Is- Sindku flimkien mas- Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**06.3 Kumunikazzjoni mis- Sindku**

06.3.1 Is- Sindku kien tal-ħsieb li l-bollards tad-dawl li hemm fi Gnien Howard jinbidlu u minflokhom jiġu nstallati lampi ornamentali kif diġa twaħħlu milux, tnax il-wieħed minnhomm b'fondi mid- DLG. Huwa kien ta' l-opinjoni li dawn huma suxxettibli għal inqas ħsara u vandalizmu kif ukoll isebbħu izjed l-ambjent ta' madwar. Is-Sindku qal li l-fondi għal dawn il-lampi jistgħu jiġu mill-Awtorita' ta' l- Ippjanar taħt l-iskema "Sebbaħ Il-Lokal" fejn għandna allokazzjoni ta' €50,000. Il-Kunsill qabel ma din l-idea.

06.3.2 Is- Sindku infurma lil Kunsill li wara li sar t-twaħħil u installazzjoni ta' CCTV cameras ġewwa Howard Gardens kien hemm xi culverts li kellhom jitkissru biex jgħaddu d-dawl u għaldaqstant talab lis- SE biex jixtri lati tal-pjanci u jiġu installati minflok.

06.3.3 Is- Sindku nfurma li Infrastructure Malta qed jagħmlu xi xogħolijiet fejn il-horse shed u jiġu installati gutters biex b'hekk jiħu mnaqqsa l-irwejjah li jħallu iz-zwiemel mal-madwar.

06.3.4 Is- Sindku infurma lil Kunsill li ir- Regjun Punent ser jgħati sbatax il-sigra biex jiġu mħawla madwar l-lokalita' ta' l-Mdina.

06.3.5 Is- Sindku talab lis- SE biex jinxtraw zewġ lampi dekorattivi biex jiġu mwaħħla ħdejn il-Katidral.

06.3.6 Is- Sindku nfurma lil Kunsill li d-Dipartiment tal- Cleansing ser jaqgħmel xi xogħolijiet ta' tindif fil-wiedien ta' madwar Olive Gardens.

06.3.7 Is- Sindku nfurma lil Kunsill li l-lokalita' ta Gubbio fir-Regjun ta' l-Umbria, Italia wera' x-xewqa li jkun hemm ġemellagg bejn l-Mdina u Gubbio. Il-Kunsill approva li jsir dan.

06.3.8 Is- Sindku infurma lil Kunsill li għal festi tal-Milied, ir-Regjun Punent b'kollaborazzjoni mal-Kunsill ta' l-Mdina ser jorganizza Kunċert tal-Milied ġewwa l-Katidral ta' L- Mdina. Huwa qal li għandu quddiemu zewġ kwotazzjonijiet mibgħuta mir-Regjun għal sound system pero' t-

tielet kwotazzjoni ma gietx sottomessa. Is- SE talab li suppost ikollna tlett kwotazzjonijet.

06.38.1 Il-Kunsill wara li ha in kunsiderazzjoni dawn iċ-ċirkostanzi approva li dan is-servizz Jingħata lil l-irħas offerta li kienet ta' Soundtech għas-somma ta' € 1770.

**06.4 Sejħa għal-offerti MLC03-2024. Installazzjoni ta' dust bins ġodda Howard Gardens. Approvazzjoni Rapport ta' Evalwazzjoni**

06.4.1 SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra rapport ta' evalwazzjoni għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill

06.4.2 L-irħas offerta kienet ta' Veladrians Cleaning Services Ltd li tammonta għas-somma ta' €11,500 VAT eskluz

06.4.3 Is- Viċi Sindku ppropona li napprovaw din l-offerta li kienet sekondata mill-Kunsilliera MA. Sultana.

06.4.4 Il-Kunsill qabel unanimament

**06.5 Rapport Finanzjarju għat- Tlett Xhur Lulju sa Settembru 2024**

06.5. Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra rapporti finanzjarji għat- tlett xhur minn Lulju sa Settembru 2024. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. Is- SE ta xi spjegazzjonijiet u rrispoda xi mistoqsijiet tal-Kunsill

06.6 Fuq proposta tal-Kunsilliera Maryann Sultana li kienet ssekondata mill- Kunsilliera Camille Scerri, dan ir-rapport ġie approvat unanimament

**06.6 Kwotazzjonijiet għamara għal Uffiċċju tas- Sindku**

06.1 SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra tlett kwotazzjonijiet għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill

06.2 L-irħas offerta kienet tal- Homemate li tammonta għas-somma ta' €4955.00

06.3 Is- Viċi Sindku ppropona li napprovaw din l-offerta li kienet sekondata mill-Kunsillier Alfred Barbaro Sant.

**06.7 Installazzjoni ta' CCTV camera- Varjazzjonijiet**

06.7.1 Ma gietx kkunsidrata din il-varjazzjoni matul din il-laqgħa.

**06.8 Ilmenti u items oħrata' xogħol ieħor tal-Kunsill**

06.8.1 AKL 2024/077- Fun Run 2024

06.8.2 SPI/SCI/8/2024- Espressjoni ta' Interess-Finanzjament Karnival 2025. Il-Kunsill mhux interessat jipparteċipa.

06.8.3 LESA- Kontravenzjonijiet maħruġa minn apparat ta’ sorveljar. Il-Kunsill lokali ser jibbenifika minn ġlas ta’ 10% tal-valur tal-kontravenjonijiet li jitħallsu u li jkun maħruġa permezz ta’ dawn il-kameras.

06.8.4 Malta Marathon- Il-Kunsill talab li ssir laqgħa ma’ l-organizzaturi rigward il-maratoni ta’ Diċembru u Frar.

06.8.5 SEM- Laqgħat Reġjonali dwar il-Fondi Ewropej.

06.8.6 Il-Kunsill irċieva stedina għal- Tifkira tal-Vittmi Rabtin li mietu fil-Gwerra. Il-Kunsill ser jipparteċipa u jpoġġi kuruna f’isem il-Kunsill Mdina.

**06.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta’ Pagamenti**

06.9.1 Fuq il-mejda tal-kamra tqegħdet l-iskeda ta’ ħlasijiet li jġibu d-data tal- 4 ta’ Novembru 2024 (Meħmuz) li jammonta għas-somma ta’ € 37,499.78

04.7.2 L-iskedi ta’ ħlasijiet kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera. Il-Kunsill nanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta’ ħlasijiet ser jiġu ffirmati miz-zewġ Kunsilliera biex juru li hu dokument korretta.

**06.10 Tmiem tal- Laqgħa**

06.10.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil- 17.08pm u ġiet aġġornata għat-9 ta’ Diċembru 2024 fit-3pm.

| | |
|---|---|
| FFIRMATI | FFIRMATI |
| ____________________ | ____________________ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data:___9 ta’ Diċembru 2024__